*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 22**

**Il-Hamis 7 ta' Jannar 2021**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier (virtwalment)
Anabelle Marmara' – Kunsillier

**SKUZAT:**
Neil Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv



JAG

EV

| | |
|---|---|
| **22.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 22.1.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-Sur Neil Portelli ma' jistax jattendi ghall-laqgha fil-hin prevvist ghaldaqstant kien se jkun assenti ghall-laqgha, filwaqt li s-Sur Ismael Dalli talab li jattendi ghall-laqgha virtwalment sabiex jissalvagwardja lill-dawk prezenti peress li jahdem l-isptar. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f dan ir-rigward. |
| **22.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 22.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 21 flimkien mal-minuti tal-Laqgha Annwali Generali kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 22.2.2 | Is-Sa Darlene Vella Zammit pproponiet u s-Sur Christian Pace ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 21 flimkien mal-minuti tal-Laqgha Annwali Generali u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **22.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 22.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li ghadom ghaddejin diskussjonijiet mall-Kunsill Konsultattiv responsabbli mill-progett Triq il-Blata u Triq Sant 'Anna. |
| 22.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wara l-Knisja f'Misrah is-Suq cediet bicca bankina u bicca mill-wicc tat-Triq. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ircieva korrispondenza mill-Arċidjocesi ta' Malta fejn gie maghruf li l-bankina responsabbli minnha l-Kunsill. Is-Sur Joseph Abela Galea informa lill-Kunsilliera li talab konferma lill-Arċidjocesi ta' Malta li jekk il-bankina huwa responsabbli minnha l-Kunsill ghaldaqstant l-istess Kunsill jista' jaghmel uzu minnha meta jkollu bzonn u jbiddel skond l-esigenzi.<br><br>Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara din il-korrispondenza msemmija hu ikkomunika mal-Arcipriet fejn gie nfurmat li l-bankina hija responsabilta' tal-Knisja u talab lill-Kunsill sabiex jirranġa t-Triq. Is-Sindku spjega li l-Arcipriet talab kopja tal-permess tal-individwu li kellu vettura kbira stazjonata fuq il-post fejn saret it-tali hsara sabiex ikun jista' jficcu ghall-ispejjez. Is-Sindku nforma l-Kunsill li minhabba protezzjoni ta' data dan ma' jistax isir ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv se tikkomunika mal-Ufficjal tal-protezzjoni tad-data u titlob gwida.<br><br>Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li se jzommom aggornati b' din il-materja. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

E.V

| | |
|---|---|
| 22.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li sar arrangament sabiex isir *asphalt* bir-romblu fi tlitt Toroq li ghandhom hsara sostanzjali. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li x-xoghol se jsir minn Infrastructure Malta u l-Kunsill se jkun qed ihallas l-*asphalt* u 30% tax-xoghol li se jsir bir-romblu. |
| 22.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li qed isiru diskussjonijiet sabiex ix-xogholijiet ta' Triq Sqajjaq jinbdew mill-aktar fis. |
| 22.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li qed jistenna risposta minghand il- Kunsill Konsultattiv responsabbli mill-progett Triq il-Blata u Triq Sant 'Anna. |
| **22.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 22.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **22.5** | **Rapporti** |
| 22.5.1 | Is-Sindku prezenta l- *Performance Bonus Appraisal* tas-Segretarju Ezekuttiv u wara li ddiskuta l-hidma tas-Segretarju talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera prezenti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera il-*Performance Bonus Appraisal* gie approvat u s-Segretarju Ezekuttiv kellu jiehu l-persentagg komplut tal-*Bonus* li hu 10%. |
| 22.5.2 | Permezz ta' Cirkulari *SPI*/SCI/2021 datata 5 ta' Jannar 2021 minghand id-Divizzjoni tal-Gvern Lokali is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti bi *"Skema Dwar Restawr ta' Postijiet Monumenti Storici 2020-2021"*. Il-Kunsillier responsabbli mill-Kultura s-Sur Christian Pace informa lill-Kunsilliera li kien wera x-xewqa mas-Sindku li tigi restawrata l-faccata tal-Kappella San Guzepp tal-l-Kunvent tas-sorijiet tal-Immakulata fi Triq Tarxien. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-proposta tas-Sur Christian Pace giet approvata. |
| 22.5.3 | Permezz ta' korrispondenza datata 3 ta' Dicembru 2020 minghand id-Direttur Generali tal-Gvern Lokali l-Kunsill gie nfurmat bi *"Tnedija tal-Process ghas-Sejha ta' Interess ghall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031"*. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti sar qbil unanimu li l-Kunsill ghandu jirregsitra interess. |
| 22.5.4 | Permezz ta' Cirkulari *SPI*/SCI/8/2020 datata 17 ta' Dicembru 2020 minghand id-Divizzjoni tal-Gvern Lokali is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti b'Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew ir-Rahal Kulturali tas-sena 2022. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti sar qbil unanimu li l-Kunsill jahdem fuq l-iskema u japplika. |





E.V JAG

| | |
|---|---|
| **22.6** | **Mozzjonijiet** |
| 22.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **22.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 22.7.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li t-*Tender tar-Reach Out Centre-Community Hall,* se jigi publikat fil-jiem li gejjin. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jkun hemm *site-visit* fuq il-post mill-*bidders*. |
| **22.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 22.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 18/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Dicembru 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 22.8.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Neil Portelli' ssekondata mis-Sa Anabelle Marmara l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **22.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 22.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.15p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2020 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 7 ta' Jannar 2021.

J. Ab Gz

**Joseh Abela Galea**
Sindku

E. Vella

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv